# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta nhar it-Tnejn 17 ta' Gunju 2019

**Rikors Numru : 460/2018 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**KB**

**Vs**

**BB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' KB datat 12 t'Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet zzewwgu nhar it-18 ta' Mejju 1996, skont kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok A;*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, Sp illum maggorenni, Sh, illi llum ghandha X-il sena u Ss illi ghandha Y snin;*

*Illi z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa u tkisser irrimedjabbilment, u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mill-Ligi, u effettivament huma ilhom isseparati de facto sa mid-9 t'Ottubru 2014;*

*Illi l-partijiet ikkonkludew Kuntratt ta' Separazzjoni Personali bejniethom, fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar nhar is-17 ta' Marzu 2015 – kopja annessa, esebita u mmarkata bhala Dok B, u l-intimat qieghed jissodisfa l-obbligi tieghu relattivi*

*ghall-manteniment ghal ulied il-partijiet ai termini tal-istess;*

*Illi llum-il gurnata, il-partijiet ighxu hajja totalment separata minn xulxin u effettivament it-tnejn ghandhom relazzjoni ma terzi persuni, u ghalhekk ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;*

*Illi ghalhekk isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici civili sabiex jigi ppronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

*Illi l-esponenti qieghda tipprevalixxi ruhha mill-fakolta' lilha moghtija ai termini tal-Artikolu 62 kif rez applikabbli ghall-prezenti permezz tal-Artikolu 66L(4)(b) u qieghda tiddikjara illi hija tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia B.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara d-divorzju u l-hall taz-zwieg iccelebrat nhar it-18 ta' Mejju 1996, ai termini tal-Artikoli 66A u 66D(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia B;*

3. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' BB, datata 4 ta' Frar 2019, a fol 17, li permezz taghha sostna bil-gurament:

*Illi ghad illi huwa minnu illi l-partijiet ilhom 'l fuq minn erba' snin jghixu mhux flimkien u li m'hemmx prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni,*

*m'huwiex ghal kollox minnu illi l-manteniment pagabbli mir-rikorrenti ghall-htigijiet tat-tfal komuni qieghed jithallas kif mahsub fil-kuntratt ta' separazzjoni, sew ghaliex is-somma pagabbli mir-rikorrenti ma hijiex qieghda tigi verstata kif mahsub fl-imsemmi ftehim ta' separazzjoni u kif ukoll ghaliex s-somma hekk ridotta illi tithallas tigi mbaghad sbankata mir-rikorrenti ghall-htigijiet personali taghha.*

*Illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sapportati mil-istess rikorrenti martu.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**KB** xehdet illi l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Mejju 1996 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fis-17 ta' Marzu 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal: wahda hija magorenni pero ghadha tistudja, u tnejn ghadhom minuri. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

Rigward l-allegazzjoni maghmula mill-intimat illi r-rikorrenti ma kienetx qed tonora l-obbligi assunti minnha fil-kuntratt ta' separazzjoni fir-rigward tad-depozitu mensili ta' somma flus ghall-htigijiet tal-ulied, xehdet illi fil-verita, apparti l-ammonti li hija ddepozitat f'dan il-kont, hija hallset ukoll numru ta' spejjez relatati mal-ulied minn kontijiet personali taghha. Spjegat ghalhekk illi, kif juru d-dokumenti ezebiti minnha, fil-verita hija ghamlet ***over payment* ta' tmienja u tletin elf, seba' mija erbgha u sebghin euro, sitta u tletin centezmu (€38, 774.36**).

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Mejju 1996 (vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, datat 17 ta' Marzu 2015 (vide Dok.B fol 4 et seqq.) u li kienu ilhom sseparati de facto sa mid-9 ta' Ottubru 2014;

Il-Qorti rat illi, permezz ta' nota prezentata fis-27 ta' Frar 2019 (Fol 24), l-intimat irtira l-opposizzjoni tieghu ghat-talba tar-rikorrenti ghall-hall ta' zwieg, wara li, mid-dokumenti prezentati mir-rikorrenti, irrizulta illi m'hijiex moruza fil-hlasijiet mensili ghall-htigijiet tal-ulied kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni, anzi fil-verita hija ghamlet *overpayment* ta' **€38,774.36.**

Ghalhekk m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghall-aktar minn erba' snin, u tqis li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti rnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' B u tavza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**